MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2010

Numru. 454/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Melvyn Camilleri)**
**(Spettur Carlos Cordina)**
v

**AHMED SHLASH**

**Seduta ta' llum, 8 ta' Mejju 2010.**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **AHMED SHLASH** ta' tmienja w ghoxrin sena, bin Fayez u Rashida Zaiter, imwieled Edlib is-Sirja nhar il-hamsa w ghoxrin ta' Jannar 1982 u residenti z-Zurrieq, detentur tal-passaport Sirjan numru 283086 gie mressaq quddiemha akkuzat:-

Talli nhar is-sebgha (7) ta' Mejju 2010 filghodu, fil-Gudja, wettaq attentat vjolenti ghall-pudur ta' Simone Bonnici ta' hamsa u tletin (35) sena.

Il-Qorti giet mitluba biex kemm waqt il-mori tal-kawza, kif ukoll f'kaz ta' htija, flimkien ma' kull piena li jidhrilha xierqa, tohrog ukoll ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412 (C ) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Giet mitluba wkoll biex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Simone Bonnici u l-familja taghha, ai termini ta' l-Artikolu 383 et sequitur tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti, fosthom il-Fedina Penali tal-imputat, kif ukoll il-Passaport Sirjan tieghu li jgib in-numru 283086 li kien esebit *"animo ritirandi"*.

Semghet lill-imputat jiddikjara fis-seduta tat-tmienja ta' Mejju 2010, li kien fehem ben tajjeb l-import tal-akkuzi kif moghtija fil-konfront tieghu mill-Prosekuzzjoni.

Semghet ukoll lill-istess imputat iwiegeb li mhux hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu, u dan waqt l-ezami li sarlu ai termini tal-Artikoli 390 (1) u 392 tal-Kodici Kriminali.

Ftit wara pero' l-imputat kellu ripensament u xtaq jirregistra ammissjoni. Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' llum, tmienja ta' Mejju 2010 ghall-akkuza kif dedotta fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk irid jerga' lura minnha, u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Semghet lill-prosekuzzjoni tghid li l-imputat diga' kellu Deportation Order mahruga fil-konfront tieghu, u li in effetti kellu ukoll biljett ta' l-ajru lura lejn is-Sirja ghall-Hadd ta' wara.

**Ghalhekk, il-Qorti** rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 207, 412 C u 383 et sequitur tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u **tiddikjara li ssib lill-imputat AHMED SHLASH hati tal-akkuza kif dedotta fil-konfront tieghu fuq ammissjoni tieghu stess, u tiddeciedi li tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sitt (6) xhur sospizi ghal sentejn (2) snin mill-lum ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**In oltre tordna li tinhareg Ordni ta' Protezzjoni kontra l-imputat sabiex Simone Bonnici tkun protetta ghal perjodu ta' sentejn mil-lum ai termini ta' l-artikolu 412C tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta sabiex b'hekk l-imputat m'ghandux jghatiha fastidju.**

**Tordna wkoll li s-sentenza moghtija minnha illum tigi mibghtua lill-Avukat Generali fi zmien tlett ijiem mil-lum ai termini tal-artikolu 403(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta flimkien ma l-atti kollha tal-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------